MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 221/2002/1

**K3 Company Limited**

**vs**

**Silvio u Catherine konjugi Frendo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mis-socjeta' attrici fl-4 ta' April, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2, 463.22) ghall-bejgh ta' merkanzija bl-ingross konsistenti f'zebgha tal-hitan.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

L-ammont dovut fl-avviz mhux dovut ghal dawn ir-rgunijiet:
1. illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim li jinqatghu l-kontijiet mill-K3 Co Ltd, xoghol li ghamel Silvio Frendo. Filwaqt li l-kumpanija K3 bieghetlu zebgha li rrizultat li mhux biss kienet ta’ kwalita nferjuri imma addirittura hazina u peress illi kienet water paint, tinten ukoll.
2. Fit-tieni lok l-ammont huwa eccessiv u ma sarux verament il-konteggi bejn il-partijiet tar-relazzjoni li kellhom bejnithom spjegata fl-ewwel eccezzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat ukoll in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet ta’ l-avukati rispettivi;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut Silvio Frendo kien hemm relazzjoni kummmercjali tajbin hafna u kellhom ukoll kont miftuh.  Is-socjeta’ attrici kienet tipprovdi z-zebgha u materjal iehor tat-tibjid ghall-konvenut, li minn naha tieghu kien jiehu kwantitajiet kbar u minflok ihallas ghamel xi xoghol ghan-nom tas-socjeta’ attrici.  Dan ix-xoghol sar fil-lukanda Vivaldi, fil-Habs Civili ta’ Kordin u xi xoghol iehor zghir fil-fabrika ta’ l-istess socjeta’ attrici.

Ghalhekk, fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi m’ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta’ attrici peress illi kwalunkwe ammont li huwa dovut thallas permezz tax-xoghol illi sar mill-konvenut Silvio Frendo.  Fi kliem iehor il-konvenuti qeghdin jecepixxu illi saret tpacija bix-xoghol tal-konvenut Frendo.

Ikkunsidrat:

Illi kif tajjeb osservat l-avukat tal-konvenuti t-tpacija hija regolata bl-Artikoli 1196 u 1197 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kif tajjeb ukoll osservat mhuwiex *mess in dubbio* illi kien sar ftehim bejn il-partijiet illi xi forma ta' tpacija kellha topera bejnithom. Tant hu hekk, illi x-xoghol li sar fil-lukanda Vivaldi u l-Habs Civili ta' Kordin gie kwantifikat u likwidat, u saret it-tpacija mal-flus illi kellu jaghti l-konvenut Frendo.

Rigward ix-xoghol illi sar fil-fabrika, dana kien xoghol zghir illi ghadu mhux kwantifikat u l-anqas likwidat. L-istess konvenut jghid ili ma kienx sar ftehim partikolari dwar dak ix-xoghol. Lanqas ma sar ftehim dwar l-ammont ta' hlas u li qatt ma baghat kont (Fol. 97).

Fil-mori ta' din il-kawza, l-konvenut esebixxa *cheques* ta' hlas illi sar lis-socjeta' attrici, liema hlas ma kienx jidher fil-prospett originalment esebit. Ghalhekk, George Pace ghas-socjeta' attrici pprezenta prospett rivedut (Fol. 78) fejn wara li kkonferma l-hlas, wera' lill-Qorti li c-cifra dovuta ghandha tkun elf, disa' mija u erbatax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1914.22). Din l-ahhar cifra hija wkoll konfermata fin-Nota ta' Osservazzjonijiet li ghamlet l-avukat tas-socjeta' attrici.

Il-Qorti tinnota wkoll illi dan il-bilanc jinkludi l-hlasijiet li saru lill-konvenut wara li gie kwantifikat u likwidat ix-xoghol illi sar fil-Vivaldi u fil-Habs Civili. Minkejja li l-konvenut qed jallega illi ghad ghandu jiehu ammont differenti minn dak likwidat ghax-xoghol illi sar fil-Habs, is-socjeta' attrici qeda tghid illi l-ammont likwidat gie kkalkulat fuq pjanti li gew suppliti mill-periti ta' Vassallo Brothers, li kienu l-*main contractors*.

Il-konvenut pero', ma jaqbilx mall-kejl, bhalma lanqas ma jaqbel mall-modalita' tal-hlas dwar ix-xoghol illi sar fil-Vivaldi, peress illi qieghed jallega illi hemmhekk kien sar ftehim mas-socjeta' attrici illi l-hlas kellu jsir bil-gurnata, haga illi qed tigi kkontestata mill-istess socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li l-Artikolu 1196 (2) jghid illi tpacija ssir ‘ibso juro’ ukoll minghajr ma jsiru jafu d-debituri, il-gurisprudenza kkwalifikat din is-sitwazzjoni u rreteniet illi jekk is-somma tkun ikkontestata ma tistax issservi bhala bazi ta’ tpacija. Fil-kawza Onor Carm Lino Spiteri vs D P W moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Jannar, 1998, il-Qorti qalet illi ma tistax issir tpacija meta dejn illi qieghed jallega illi ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esekwibbli, jew ta’ lanqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqa ma topera ‘ipso jure’ jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra. (ara wkoll Philip Grima vs Carmel Mamo Et Qorti ta’ l-Appell deciza fid-29 ta’ Mejju, 1998).

Minkejja li ghas-socjeta’ attrici x-xoghol li sar fil-lukanda Vivaldi u fil-Habs gie kwantifikat u likwidat, l-istess konvenut qieghed jikkontesta dan u s-socjeta’ attrici mhijiex qeda taccetta l-argumenti illi gab il-konvenut. Ghalhekk, jekk il-konvenut mhuwiex qed jaccetta l-likwidazzjoni tas-socjeta’ attrici, ma tistax issir tpacija b’dak l-ammont illi huwa qieghed jirriklama. Ma dan kollu, s-socjeta’ attrici jidhirlha illi ghandu jigi likwidat fil-bilanc finali illi ghandu jhallas il-konvenut. Rigward ix-xoghol l-iehor illi sar fil-fabrika, dan zgur lanqas ma huwa kkwantifikat u lanqas likwidat peress illi l-konvenut stess jammetti illi qatt ma baghat kont u lanqas ma sar ftehim dwar kif kellu jsir il-hlas.

Ghalhekk, irrizulta ampjament ippruvat illi s-somma illi qed jitlob il-konvenut hija kkontesta mis-socjeta’ attrici u ghalhekk, f’dan is-sens, skond il-gurisprudenza fuq ikkwotata ma tistax issir tpacija.

Il-konvenut qieghed jilmenta wkoll illi l-merkanzija illi huwa xtara minghand is-socjeta’ attrici hija danneggjata u fi kliemu stess jghid illi meta fetahha biex juzha ra illi kienet tinten. Ma dan kollu, zamm il-merkanzija fil-garaxx tieghu (ara l-affidavit a fol. 51 u x-xhieda a fol. 98).

Ikkunsidrat:

Illi hawn ukoll il-Qorti ghandha x’ticcensura fl-operat tal-konvenut. Jekk dana dehrlu illi l-merkanzija illi huwa xtara minghand is-socjeta’ attrici kienet danneggjata seta’ jiehu l-passi legali sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu. Dawn pero’ ma jinkludux iz-zamma tal-merkanzija u r-rifjut tal-hlas. Jekk dehrlu illi l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita’ pattwita, allura kellu jirritorna l-merkanzija u jekk rifjutata, depozitata l-Qorti. Minn dan kollu pero’ m’ghamel xejn u ghazel illi jzomm il-merkanzija minghajr ma jhallas ghaliha. Il-Qorti jidhrilha illi dana mhuwiex mod kif isir in-negozju. Fil-fatt fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Attard Brothers vs Direttur ta’ l-Edukazzjoni deciza fl-4 ta’ Novembru, 1992, inghad illi jekk xerrej izomm oggett meta jaf illi dina ma kinitx tiffunzjona kif suppost, allura kellu jhallas il-prezz intier taghha. (Ara wkoll Fredrick Micallef et vs May Sullivan Qorti ta’ l-Appell deciza fit-22 ta’ Mejju, 2002).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsuha s-somma ta’ elf, disa’ mija u erbatx-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1,914.22) ghall-bejgh ta’ merkanzija bl-ingrossa konsistenti f’zebgha tal-hitan.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------